MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Numru. 197/2003

**Il-Pulizija
(Sp. Joseph Cordina)**

**v**

**George Grech ta' 49 sena bin Nazzareno
u Domenica nee Mallia, imwieled Valletta,
fil-21/02/1953 li joqghod fl-indirizz Block B,
Flat 4, Qasam tal-Menhir, Kirkop detentur tal-karta
tal-identita' bin-numru 197153 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi George Grech li gie akkuzat talli fit-30 ta' Dicembru, 2002 u f'dati precedenti f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi

u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal haddiehor mis-somma ta' aktar minn Lm 15,000 flus u oggetti ohra ta' Nazzareno Grech, li gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju.

Rat li l-akuzat wiegeb li hu ma kienx hati ta' tali akkuzi kif dedotti.

Rat ukoll l-artikoli mibghuta minghand l-Avukat Generali taht liema l-istess haseb li tista' tinstab htija kontra l-imsemmi George Grech u cioe;

l-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap 9.

Rat li l-istess akkuzat ta l-kunsens tieghu ghal dawn il-proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi in succint il-fatti ta' din il-kawza huma li l-kwerelant Nazzareno Grech darba li tatu puplesija u ddahhal l-isptar ta prokura generali lill- akkuzat biex jigu amministrati z-zewg pensjonijiet li hu kien jircievi. Skond l-akkuzat kien ftit wara din l-ghotja illi l-istess kwerelant qallu biex jiehu l-flusu kollha hu u familtu minhabba dak li kienu ghamlu u qeghdin jaghmlu mieghu. Ghalhekk l-akkuzat beda jcaqlaq il-kontijiet bankarji minn fuq Nazzareno Grech ghal fuq ismu. Min-naha tieghu pero' dana Nazzareno jghid li darba li hu sar jaf b'dan l-agir u dana tramite membri ohra tal-familja tieghu, huwa pprezenta l-kwerela ghaliex jinsisti li hu qatt ma ta flusu lil George Grech, pero tah biss poteri amministrattivi, ghalhekk saret il-kawza in dezamina.

Jidher ghalhekk mill-fatti processwali illi in kontestazzjoni mhux il-fatt jekk l-akkuzat irceviex ghandu l-pussess ta' flus Nazzareno in kwantu il-prokura generali tatu dak il-pussesss amministrattiv, ( anke jekk intiz biss ghall-pensjoni), imma kienx hemm wara din il-prokura donazzjoni verbali tal-flus li kellu l-istess kwerelant a favur ta' l-istess akkuzat.

Ghandu jigi premess ukoll a priori zewg fatti pjuttost relatati. Illi fl-ewwel lok jirrizulta b'mod car mill-atti processwali illi Nazzareno Grech huwa missier naturali ta' l-akkuzat, dan jirrizulta kemm mic-cerifikat tat-twelid ta' l-istess, kif ukoll mid-dokument D a fol 326. Dana qed jinghad ghaliex fil-kors tax-xhieda tieghu Nazzareno Grech kategorikament cahad li l-akkuzat huwa ibnu. Pero tenut kont ta' dak li l-istess kwerelant jahseb li gara bi flusu u cioe li hu gie ngannat minnhom mill-akkuzat, din in-negazzjoni, fil-fehma tal-Qorti hija waha spjegabbli u accettabbbli. Bizzejjed jinghad li fil-kors tax-xhieda tieghu l-kwerelant sejjah lill- akkuzat bil-kelma “dak” apparti aggettivi ohra xejn pjacevoli. Hawn jinhtieg ukoll li wiehed izomm f'mohhu l-eta' tenera ta' l-istess kwerelant. Nonostante ghall-fatt li hu gie dikjarat compost mentis ( vide certifikat Dok JC a fol 20) pero jekk wiehed ikollu l-apprezzament vizwali li kellha din il-Qorti tal-persuna tal-kwerelant, nonostante ghal- fatt li mentalment Nazzareno ghadu hemm pero fizikament huwa ragel ta' djufija inkredibbli u ta' emozzjonijiet qawwija u fragili konsegwenti anke ghall-eta tieghu. Pero in linea ma' dak li kkonkluda t-tabib Farrugia ghandu wkoll jigi apprezzat it-tul taz-zmien li dan ir-ragel daqshekk anzjan dam jiddeponi b'mod ghal kollox koerenti ( minn fol 24 sa fol 82). Punt iehor ghalhekk relatat huwa l-fatt li Nazzareno innega li hu kien konpartecipi f'xi kawza ta' ricerka ta' paternita. Fil-fatt jirrizulta mid-dokument Dok A a fol 316, u cioe mis-sentenza li inghatat fil-kawza li saret biex tigi dikjarata il-paternita vera ta' l-akkuzat, illi l-istess kwerelant baqa kontumaci fl-istess kawza allura kien korrett li hu qatt ma telgha l-Qorti fuq tali kwistjoni.

Issa in succint tal-fatti prodotti jirrizulta b'mod inekwivoku illi Nazzareno Grech ta prokura generali lil ibnu jew neputih skond kif jaghzel li jarah hu, cioe lill-akkuzat George Grech. Din tinsab esebita fl-atti u giet debitament ikkonfermata min-Nutar Dr. Pierre Falzon ( a fol 218 – 221 ). Dan il-fatt ta' l-ghoti tal-prokura hu anke kkonfermat mill-istess kwerelant fix-xhieda tieghu meta fil-fatt jispjega ghala huwa ghazel li jirrilaxxa prokura a favur ta' l-akkuzat.

Lanqas ma hu kkontestat mill-istess akkuzat illi huwa moghti il-prokura u a forza ta l-istess, gibed diversi flus li kienu f'kontijiet bankarji f'isem il-kwerelant. Tant li fl-istqarrija minnu rilaxxata jghid hekk;

"L-isptar iddecida li jiffirma prokura generali fuq ismi biex namministra flusu. Kien qalli bil-fomm li jien nista' niehu kollox, ammont ma kienx qalli, izda li niehu kollox fuq ismi, u nkompli ndahhallu c-cekk tal-pensjoni fil-bank. Minn hemm inkun nista' nixtrilu l-bzonnijiet tieghu."

Izid li;
" Kien hu li qalli biex niehu kollox. Nghid li kien hemm Lm5620 f'kont HSBC,…..xi Lm6000 u Lm450 ohra f'kont kurrenti…Hemm xi Lm1600 li qeghdin f'joint account jiena u hu fil-Lombard ta' L-Ingilterra u dawn ghadhom hemm. ..Meta gbidt Lm5620 kien hemm cekk ta' interessi ta' madwar Lm323.15 u insista li nohodhom ukoll."

Izid fl-ahhar ta' l-istqarrija hekk;
"Nahseb li b'kollox jiena hadt il-Lm5620, il-Lm7700 u Lm450. Il-flejjes li jidru li ingibdu f'ammonti zghar ta' Lm100 jew anqas kont nigbidhom sabiex naqdi lilu" ( a fol 21 – 23 ).

Il-fatt li George Grech gibed dawn il-flus lanqas ma huwa kkontestat fix-xhieda li hu ta viva voce. Jibqa' insistenti fuq il-fatt li hu ghamel dana ghaliex il-kwerelant darba li tah il-prokura qallu quddiem martu u ommu li kellu jmur u jiehu il-flus kollha depozitati gia f'ismu f'kontijiet bankarji. Ghalhekkk viva voce jghid li kif ghamillu l-prokura, il-kwerelant qal lilu u lil martu li stante li kienu huma li qed

iduru bih, kellhom imorru u jiehdu kollox li kien hemm fil-bank. Dan id-diskors sar ghall-ahhar ta' Awwissu u l-bidu ta' Settembru, 2001. Jghid ukoll l-akkuzat li dan l-istess diskors gie ripetut quddiem ommu Duminka meta din marret izzur lill-istess kwerelant, allura missier binha. Ghalhekk din Duminka tghid li waqt din iz-zjara gewwa l-isptar il-parte civile qallha illi lit-tifel, allura l-akkuzat, kien tah kollox, tah il-flus tal-bank kollha u qallu biex jaghmel bihom li jrid.

Anke mart l-akkuzat xehdet f'dan ir-rigward in sostenn tal-fatt li wara l-prokura Nazzareno kien verbalment ta kollox lill-akkuzat, almenu l-flus bankarji.

Issa kemm l-akkuzat kif ukoll martu Pauline u b'mod partikolari ommu Duminka xehdu dwar il-fatt li Nazzareno kien fil-fatt missier l-akkuzat. Xehdu ovvja l-aktar l-akkuzat u ommu dwar it-tbatija li trabba fiha l-akkuzat ghaliex zewg ommu, hu l-kwerelant, minhabba il-paternita tieghu xejn ma kien jittrattah sew. L-unika soljev li jidher li kellu l-akkuzat kien gej minghand il-kwerelant li jidher li kien verament igibu. Xehed l-akkuzat dwar kemm hu u anke martu kienu jiehdu hsieb lill- kwerelant, ta' kemm ghamlu mieghu u ta' l-ammont ta' flus li hu kien jaghtihom ta' dan il-qadi. Dan il-fatt tal-flus gie anke ben korroborat minn iben l-akkuzat Kenneth. George Grech fil-fatt emfasizza fit-tul kemm ha pacenzja b'dak li hu kien jaf tard f'hajtu li kien missieru u kemm fil-fatt kien gereruz missieru mieghu fuq lat finanzjaru.

Ingab anke jixhed mid-Difiza hu l-istess akkuzat certu Winston Grech li xehet aktar dawl fuq il-kwistjoni in ezami. Qal li fid-darbtejn li hu mar jara 'l zijuh l-isptar ra lil huh (l-akkuzat) u lil martu jassistuh. Jghid pero' li darba minnhom mar jara lil zijuh l-isptar ma' Pauline u hemm sab lil hu l-kwerelant certu Fredu. Ix-xhud kien ghamel suggeriment illi din il-kwistjoni kellha tirranga ruhha barra l-Qorti. Jkompli dan ix-xhud anzi billi jghid li hu qal lil Fredu li stante li l-akkuzat kien iben Nazzareno "…by right jiehu kollox dan fuq kollox 40 sena lanqas biss ikellmuh lil huhom" ( a fol 353) . Ikompli " Ma qallix iva jew le, ghax mid-dehra kien hemm l-avukati fin-nofs. Pero' jien

imbaghad mort St.Vincent de Paule, mort ergajt ma' Polly, mal-mara ta' hija u ghidtlu zi ghax ma tirrangawx barra l-Qorti….Imbaghad qabad jahsibha, qalli jien nahseb li tajthomlu l-flus. Qalli imma issa rridhom lura. Qalli imma ma nistax nghid li tajthomlu l-flus ghax igibuni fuq gurament falz. " ( a fol 354).

Certament din mhix it-tezi jew ahjar il-versjoni li ressaq il-kwerelant quddiem din il-Qorti meta kif gia premess xehed fit-tul kemm in ezami kif ukoll suggett ghall-kontro-ezami. Ghalkemm accettanti tal-fatt li hu rrilaxxa prokura a favur l-akkuzat jghid mill-ewwel l-istess Nazzareno li l-hsieb li geghlu jaghmel dan kien unikament biex George Grech johodlu hsieb il-pensjonijiet. Dana gara minhabba l-fatt li hu kien tah attakk ta' puplesija u spicca l-isptar inkapaci jiehu hsieb dawn l-affari. Jinhtieg jinghad ukoll li hemm qbil fuq il-fatt illi qabel ma l-kwerelant gie rikoverat l-isptar huwa dejjem ha hsieb jamministra flusu personalment. Jikkorrobora sa certu punt, il-kwerelant l-ghajnuna li kien jircievi minghand l-akkuzat, pero mhux sal-grad li ppresentaha l-istess akkuzat.

Senjalament dwar il-prokura jghid illi hu ta l-prokura lil George biss biex jigbidlu l-pensjonijiet u li min-naha tieghu George qabel mieghu ghall-uzu limiltat taghha. ( a fol 25). Jghid fil-fatt li hu tahielu biss ghax marad u ghax kien l-isptar u ghalhekk darba li sar jaf tramite ohtu li George kien gibidlu flusu kollha, nehhieh minn prokuratur tieghu u qieghed lil ohtu, Doris Attard. Mistoqsi kif precedentement hu kien jircievi c-cheques tal-pensjoni, wiegeb id-dar tieghu u imbaghad kien jaghtihom lil George u kien isarrafhomlu. Mistoqsi kif il-flus per ezempju riflessi f'dok JC1 a fol 17, issa kienu jidhru fuq indirizz ta' Hal Kirkop jghid li hu qatt ma ta awtorita ghal dan il-fatt, cioe biex il-kont bankarju tieghu li kellu mal- Lombard Bank issa qieghed f'isem l-akkuzat u martu.

Mistoqsi ghal diversi drabi ghala hu ta prokura lil George, dejjem irrisponda li l-unika skop tieghu kien biex dan jamministralu il-pensjonijiet, anzi ta' anzjan li hu wiegeb li ghamillu prokura ukoll biex ma jaghtihx kollox u jzomm

riserva ghalih. Kompla li ried li George jgiblu l-pensjoni u jaghzel hu jekk jaghtihx flus jew le. Fil-fatt hu spjega li l-akkuzat kien ta' spiss jeqred mieghu ghal flus u kien jaghtih xi zewg jew hames liri ghall-qadi li kien jaghmillu. Spejga wkoll li hu ta l-prokura lil George biss ghaliex ma kellux lil haddiehor lil min jafda. Fil-fatt ghal darba tnejn jghid li hu ma kienx jingieb ma' ohtu, b'tortijiet tieghu. Dwar ir-rikonoxximent ta' paternita' ta' l-akkuzat, jghid li hu kien mar jiffirma ghand in-nutar, hawn qed issir referenza ghal affidavit esebit a fol 326, ghaliex George kien ta' spiss jeqridlu li jekk ma kienx se jirrikonnoxih, hut Nazzareno ma kienu se jhallulu xejn. Jghid hekk fil-fatt;
" ..George kien ilu sentejn jghidli li ohti ser tohodlu kollox u ma taghtih xejn. Allura jien jghidli, jghidli, jghidli, fl-ahhar dejjaqni u ghidtlu imxi imorru." Jkompli "Jigifieri meta mmut ghax hasbu dawn li se mmut hesrem, imbaghad ohti tiehu kollox u lilu ma taghtih xejn" ( a fol 72)

Senjalament jikkonferma wkoll li hu lil hutu, kemm lil Doris kif ukoll lil Fredu kien ilu ma jkellimhom ghal cirka erbghin sena. Jirrizulta b'mod car mill-atti li l-kwerelant, ghalkemm hu jattribwixxi tort lilu innfsu ghax jgid li aspru, kien ilu zmien twil maqtugh minn ma' hutu gia imsemmija. Jidher ukoll illi l-unika persuna li kienet tkellmu u tiehu hsiebu kien fil-fatt l-akkuzat. Kien fil-fatt l-istess akkuzat li nstiga lil zitu Doris Attard, oht Nazzareno, li tmur izzur lil huha fl-isptar. Jidher ukoll li sussegwenti ghal din iz-zjara, allura ghar-rikonciljazzjoni bejn l-ahwa u l-kwerelant illi aktar inqala' nkwiet bejnu u bejn l-akkuzat fuq dak li kellu jigri minn flusu. Certament pero' li l-fiducja tal-kwerelant illum tinstab vestita f'ohtu Doris li hija allura l-prokuratrici tieghu.

Ingabu ghalhekk ukoll jixhdu hut il-kwerelant imsemmija. Doris Attard fil-fatt ikkonfermat li wara li rceviet prokura minghand il-kwerelant ghamlet il-verifiki taghha u sabet li l-akkuzat kien gibed flus huha mill-bank. Qalet li kien l-istess kwerelant li kellu susspett fl-imgieba ta' l-akkuzat minhabba ghal flus, LM600 li kienu naqsulu mill-isptar.

Min-naha tieghu Alfred Grech xehet aktar dawl fuq din is-sitwazzjoni billi qal li hu assista ghall-konverzazzjoni bejn

l-avukat ta’ l-akkuzat u l-istess akkuzat fil-prezenza ta’ nutar, fejn l-istess kwerelant gie mistieden jghid li verament kien ta l-flus lil George u min-naha tieghu George kien lest jirritornalu l-flus. Stranament in-nutar rega kien l-istess li mieghu saret il-prokura generali!. (Ghandu jigi rilevat f’dan l-istadju illi kontrarjament ghal dak li xehed in-Nutar Falzon, il-kwerelant kien cert li hu qatt ma ffirma prokuri quddiem nutar pubbliku. Jghid anzi Nazzareno fix-xhieda tieghu illi kien George li gablu l-karta biex jiffirmaha u n-nutar baqa isfel. Pero n-nutar Falzon xehed li anzi spjega l-istess prokura lil Nazzareno u li dan ghamel dan id-dokument biex George jamministralu l-affarijiet. A fol 221). Dan ix-xhud, cioe Fredu, kompla amplifika fuq din il-konverzazzjoni u cioe li kien hemm suggeriment li jekk il-kwerelant jaccetta li l-flus kien tahom u mhux ittiehdulu, l-akkuzat kien lest jirritornahomlu lura. Terga’ u tghid f’din il-famuza laqgha li saret go l-isptar biswit is-sodda ta’ ragel marid, anke gie diskuss kif kellhom jinqassmu l-flus ta’ Nazzareno, bejn l-akkuzat u hutu, basta pero dana jaccetta li l-flus kien tahom lil George minn jeddu.

Kif gia rrizulta ex admissis George Grech gibed u ha flus Nazzareno, daqstant iehor jirrizulta li ftit granet wara li hu nghata l-prokura, bla ma kien jaf xejn l-istess kwerelant nizel ghand l-armonier ta’ l-isptar u ha minn hemm l-effetti kollha personali tal-kwerelant inkluz is-somma ta’ sitt mija u ghoxrin lira Maltija (Lm 620). Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta’ l-Ispettur Cordina, meta mistoqsi ghal dawn l-oggetti, George Grech ghazel li jirritorna lill-pulizija l-effetti personali IZDA mhux is-somma tal-flus li maghhom hu rtira mill-isptar. Jigi rilevat ukoll illi l-famuza prokura saret fit-30 ta’ Awwissu 2001, mentri l-oggetti ittiehdu minghand l-armonier fit-3 ta’ Settembru, 2001.

Ikkonsidrat

Illi r-reati adebittati li George Grech huma dawk taht l-approprjazzjoni indebita bic-cirkostanzi aggravanti.

L-artikolu 294 tal-Kap 9 jinhtieg il-prezenza tas-segwenti elementi biex jigi kostitwit ir-reat;

-Illi persuna tappropja ruhha billi ddawwar bi profitt ghaliha jew ta' persuni ohra
-Haga ta' haddiehor,
-Li tkun giet fdata lilha b'titolu illi jgib mieghu l-obbligu ta' radd il-haj.

Mela biex jigi kostitwit dan ir-reat jinhtieg li bhal kaz in dezamina bniedem jigi moghti prokura li fin-natura taghha timplika biss amministrazzjoni, f'dan il-kaz ta' flus, u emfatikament timporta maghha r-ritorn ta' l-oggett soggett ghall-amministrazzjoni lill-propjetarju tieghu. Issa jekk pero l-amministratur jaghmel tieghu bi qliegh ghalih dak li gie fdat lilu jirrizulta b'mod lampanti r-reat in dezamina. Fil-fatt ad occhio George Grech b'azzjonitu ssodisfa ghal kollox l-elementi tar-reat ta' misappropjazzjoni indebita.

Pero' in vista tal-fatt li l-istess akkuzat insista li Nazzareno wara l-istess prokura tah allura b'donazzjoni verbali gidu, konsistenti f'depositi bankarji, jinhtieg li jigi ezaminat jekk dan jolterax is-sitwazzjoni odjerna.

Issa certament wiehed mill-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat huwa l-pussess ta' l-oggett ghand l-agent a kontrarju ta' min ghandu titolu ta' propjeta' ta' l-istess oggett suggett ghal prokura. Jghid ghalhekk l-Antolisei illi *"…..il delitto di appropiazione indebita presuppone che l' agente abbia il-possesso della cosa mobile. Deve, pero trattarsi di mero possesso, e cioe di possesso disgiunto dalla propieta, poiche oggetto dall'azione criminosa e un bene mobile altrui e l'essenza del reato consiste nell'abuso del possessore a danno del propietario.*

*Da questa precisazione deriva l'importante conseguenza che il reato in parola non puo sorgere nei casi in cui si verifica, insieme col trasferimento del possesso, quello della propietta".*

*"Il diritto penale, invece, considera altrui il denaro quando sia affidato per un uso determinato nell'interesse del*

*propietario"* ( Antolisei Manuale di Diritto Penale Parte Speciale –I 1996 pagna 320)

Huwa ovvju ghalhekk li hawn il-Qorti se jkollha taghmel ezercizzju biex jigi stabbilit jekk Nazzareno Grech riedx li gidu jghaddi ghand l-akkuzat meta tah il-prokura. Wiehed irid jiftakar illi l-istess akkuzat jghid illi Nazzareno qallu biex jiehu l-flus li hemm fil-bank appena ghamillu l-prokura (a fol 282). Certament donazzjoni ta' flus hija b'mod cert u legali biex jinbidel il-propjeta ta' l-istess. Illi ghalhekk it-tezi ta' l-akkuzat hi li hu barra li nghata bil-prokura, l-pussess tal-flus biex ghalhekk jamministrahom ftit wara gie anke moghti l-istess flus in piena propjeta. Pero jibqa' l-fatt u certament dan mhux punt ikkontestat li l- hsieb uniku tal-kwerelant meta ta l-prokura kien biss li jkollu minn johodlu hsieb il-pensjoni. Dak kien l-unika hsieb ghala Nazzareno Grech ta prokura lil George Grech. Huwa vera li l-kwerelant setgha kien generuz ma' ibnu sal-grad li xehed l-istess akkuzat, pero' minn imkien qatt ma wera l-kwerelant li xtaq jitlef flusu u jghaddihom lil haddiehor. Dana anke qed jinghad ghax jidher li l-kwerelent huwa ben konsapevoli mill-fatt li anke matul hajtu u bla misthija ta' xejn gia qed isiru pjanijiet ta' kif hu ghandu jiddisponi minn flusu u jigi depost minn gidu. Sahansitra bla misthija mdawwrin mas-sodda tieghu f'laqgha ma' l-avukat u n-nutar iddiskutew qrabatu ghand minn ghandhom imorru flus ta' bniedem li ghadu haj jiehu n-nifs hdejhom. Jidher fil-fatt li hemm pretensjonijiet qawwija fuq gid il-kwerelant min-naha ta' l-akkuzat ghax hu bata fi tfulitu ghax ibnu, u min-naha ta' hutu ghax l-akkuzat jghawwi lill-kwerelant kontra taghhom. Punt iehor li ma tantx jikkonvinci lil Qorti mit-tezi mressqa mill-akkuzat huwa ghal fatt ta' l-ghaggla inkredibbli li ottenuta l-prokura, hu ha l-flus gia depostati ghand l-almonier. Flus li per parentesi jekk ried li jitwemmen li missieru tah dawk bankarji, verament ma kellux ebda jedd fuqhom. Mhux talli hekk, talli lanqas indenja li jroddhom lura lill ispettur Cordina meta radd lura l-effetti l-ohra ta' l-akkuzat. Fil-fatt l-akkuzat donnu jirraguna li hu ghandu xi jedd fuq flus Nazzareno u donnu qishom tieghu.

Xejn ghalhekk ma giet konvinta din il-Qorti mit-tezi proposta mill-akkuzat kif spiccaw ghandu flus il-kwerelant. Anke jekk ghal grazzja ta' l-argument il-kwerelant seta tah x'jifhem li ried jaggevolah finanzjarajament zgur li l-prokura qatt ma kienet intiza ghaldaqshekk. Ta' dan fil-fatt kien dejjem konsapevoli l-istess akkuzat ghax sahansitra kien jaf bil-kontenut tat-testament ta' missieru li kien halla flus ohra lil hutu u lill-karita. Kien ghalhekk konsapevoli l-istess akkuzat mill-fatt illi darba li hu jiehu kollox. Kif ghamel, il-provizzjonijiet tat-testment kif jafu hu, ma setghux jigi immedjatament soddisfatti. Hija tal-fehma il-Qorti darba li rat lil kwerelant jiddeponi, illi difficcli temmen li dana ried u fil-fatt ta giedu kollu lil ibnu biex b'hekk hu spicca bla sold jghix biss b'pensjoni pjuttost mizera kif jghid l-istess akkuzat fl-istqarrija tieghu, meta fi kliemu stess Nazzareno jghid kemm hadem u bata ghal flusu. Illi stramb ukoll il-fatt li l-akkuzat meta f'hafna mill-attivitajiet civili ta' missieru dejjem hadu jew ipprovdielu nutar, issa ma hasibx jekk kienet se ssir din it-tip ta' donazzjoni li jikkonsolidaha b'mod inekwivoku. Daqstant iehor stramb li George Grech haseb, anzi ried min jemmen, illi missieru qallu hu kollox bla ma ssemmiet somma u dana allura kull sold li sab ghamlu tieghu sa wasal b'mod mhux spjegabbli li spicca tnehhiet persuna ohra minn fuq joint account u sostitwit bih innifsu. Tqis ghalhekk illi George Grech abbuza mill-prokura lilu moghtija billi dawwar ghalih bi profitt il-kontijiet bankarji ta' Nazzareno Grech, kif ukoll meta ha flus gia depositati go l-isptar.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 293 issibu hati ta' l-istess bl-aggravanti msemmija fl-artikoli 294 u 310 ilkoll tal-Kap 9.

Dwar il-piena rat ukoll ix-xhieda ta' Catherine Fenech rappresentanta tal- bank HSBC. Dina spjegat illi l-kont kurrenti li Nazzareno Grech kellu mal-bank imsemmi (kont numru 033019977050) gie maghluq minn George Grech bil-forza tal-prokura u minnu ha is-somma ta' Lm7700. Zewg kontijiet bankarji ohra ( fixed deposits numru 033019977100 u 033019977101) meta mmaturaw ukoll gew maghluqa mill-akkuzat u minnhom ha s-somma ta'

Lm450 u Lm 5620 rispettivament. L-interessi fuq l-ahhar kont ammontanti ghal Lm 323.15 ( vide dok JC a fol 16A) ukoll gew percepiti mill-akkuzat (vide stqarrija ta' l-istess a fol 22). Minn dok JC1 a fol 17 jidher ukoll li hemm is-somma ta' £1683 (elf sitt mija u tlieta u tmenin sterlina) f'joint account bejn l-akkuzat u l-kwerelant. L-akkuzat ha wkoll is-somma ta' Lm 620 minghand l-armonier.

Rat ukoll ir-rata tal-kambju mahruga mill-Bank Centrali llum 27 ta' Ottubru, 2006 (UK Sterling 1.5642) u b'hekk is-somma ga msemmija ta' £1683 (elf sitt mija u tlieta u tmenin sterlina) ghandha ekwivalenti ta' Lm 1075.95 (elf u hamsa u sebghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu).

Ghaldaqstant is-somma verament dovuta lil Nazzareno Grech hija ta' hmistax-il elf sebgha mija disgha u tmenin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm 15,789.10).

Illi din il-Qorti hasbet fit-tul x'ghandha tkun il-piena li jisthoqq lil George Grech. Hija tal-fehma li barra ghall-fatt li hu ghandu fedina penali netta jkun aktar idoneu, ghax hawn verament non si tratta ghajr ghar-rghiba kbira ghall-flus li hu jkun imgieghel ihallas lill-kwerelant flusu lura, li certament f'hajtu ghandu dritt jiddisponi minn flusu kif u biss meta jrid taht l-ebda pressjoni jew kundizzjonijiet la ta' ibnu u wisq anqas ta' hutu.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 28A tal-kap 9 u qeghda tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin. Rat ukoll l-artikoli 28H tal-Kapitlu 9, qeghda in forza ta' l-istess artikolu taghmel ordni ta' restituzzjoni ghas-somma ta' hmistax-il elf sebgha mija u disgha u tmenin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm 15,789.10) li ghandha tithallas fi zmien sitt xhur mil-llum fi stadju rateali ta' elfejn u sitt mija u wiehed u tletin lira u tnejn u hamsin centezmu (Lm 2631.52) dan wara li semghet li l-partijiet ma kellhom xejn xi jzidu b'mod sommarju ai termini ta' l-artikolu 28H(3).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------